# Iż-Żwieten u l-Imblokk tal-Franċiżi

## Is-Salib tal-Pjażża

Kull min ikun dieħel ġewwa ż-Żejtun u jibda joqrob lejn il-knisja arċipretali u arċimatriċi tagħna, żgur illi jinnota salib kbir fuq pedestal sabiħ tal-ġebel.

Dan is-salib tpogga hemm minn misirijietna bħala tifkira tal-qlubija tagħhom u s-sehem importanti li kellhom fil-ħelsien ta' Malta mill-oppressuri Franċiżi immexxija mill-inġinier u patrijott Żejtuni Mikiel Cachia.

Dan is-salib, li kien jinsab fil-misraħ tal-kunvent ta' SAnta Liberata fil-Kalkara, ingarr lejn iż-Żejtun meta fil-5 ta' Settembru, 1798 iż-Żwieten flimkien ma' ħafna oħrajn mill-irħula qrib resqu lejn il-bibien tal-Kottonera fejn kienu irtiraw il-franċiżi iżda meta l-ħsieb tagħhom ma rnexxiex ħasbu li jieħdu t-torri ta' San Tumas. Il-Franċiżi indunaw bil-ħsieb tagħhom u malajr bagħtu l-għajnuna. Iż-Żwieten iżda laħqu qabilhom, fetħu n-nar fuqhom u rnexxielhom joqtlu ħafna Franċiżi. Wara ftit ixxabtu mal-ħitan u ġegħluhom jaħarbu mit-torri għal-ħajjithom. Wara ftit l-laneċ Franċiżi iżda sabu liż-Żwieten għalihom u li kieku ma kienetx il-ħeffa tal-laneċ li reġgħu lura żgur illi kienu jibqgħu maqtulin fil-baħar. (Barone Azzopardi - Giornale ... Repubblica Francese p.97).

Mill-istess sorsi pagna 110. Azzopardi jkompli jgħidilna illi hekk biex juru l-ħila tagħhom baqgħu deħlin qatta waħda sal-Misraħ il-Kunvent tal-Kapuċċini tal-Birgu (Santa Liberata) li kienet taħt it-tiri tal-Franċiżi u f'malajr wieħed qalgħu salib kbir illi kien hemm imwaħħal u baqgħu sejrin bih iż-Żejtun fejn għadu jidher sal-lum fuq pedestal tal-ħaġar maġenb il-knisja taħt idejn l-għadu. Il-Papa Ljuni XIII fl-1898 ta' 100 jum indulgenza lil min jirreċita Kredu quddiem dan is-salib.

Dan ma kienx l-uniku involviment tal-Kumpanija taż-



Żejtun fl-imblokk tal-Franċiżi. Ta min iżid ukoll illi hemm żmien meta l-proviżjon u l-ikel kienu skarsaw sewwa u kienet l-inizjattiva tal-patrijott Żejtuni Mikiel Cachia li ħa ħsieb illi jinġab l-ikel minn Likata ġewwa Sqallija billi kien jibgħat skejjen Maltin mill-port ta' Marsaxlokk li kien ikkontrollat mill-battaljun taż-Żejtun. (Ara Mons. Mifsud - Origine della Sovranita' Inglese p.249 fejn jidher ir-rapport li għamel Mikiel Cachia nnifsu).


**Caruana Aluminium**

*for all kind of Aluminium Work*

**St. Joseph Garage,**
**Triq il-President Anton Buttigieg, Zejtun - ZTN 03**
***Tel: 664967***